# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 004/2021

15 ta' April 2021

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Viċi-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Johann Scerri – Kunsillier

### ASSENTI:

Nil

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha

## 4.1 Qari ta' ittri ta' apologija

4.1.1 Is-Sindku qrat e-mail li kien baghat il-Kunsillier Johann Scerri li permezz taghha talab lill-Kunsill Lokali jiskuza l-assenza tieghu mis-seduta peress li kellu problemi teknici. Kien hemm qbil unanimu illi l-assenza tal-Kunsillier Scerri kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

## 3.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

4.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 3/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

4.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Marco ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

4.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

## 4.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

4.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif maqbul f'seduti precedenti, il-Kunsill Lokali kien qieghed jahdem sabiex jadotta sistema ta' permessi online. B'konnessjoni mal-istess sistema, kien ser ikun hemm il-htiega li l-Kunsill Lokali jiftah merchant account. Hekk kif legalment stabbilit, mill-imsemmi kont kellhom ikunu responsabbli s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

4.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'inizjativa li l-Ispettur Clayton Camilleri kien qieghed jippjana li jimplimenta. L-inzijativa li kienet tinvolvi tqassim ta' ikel minn *food bank* u inizjativi socjali ohra, kienet ser tkun qieghda ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali u parrocci tal-Kottonera.

4.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni mal-inizjativa bl-isem ta' *lollipop grannies*. Is-Sa. Zerafa Civelli ghaddiet lill-Kunsill Lokali dettalji li kienu gew diksussi b'konnessjoni mal-progett li kien hemm il-hsieb li jigi implimentat f'qasir zmien.

4.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet mal-kummissarju tal-pullizija b'konnessjoni mal-progett ta' community policing. Is-Sa. Zerafa Civelli ghaddiet lill-Kunsilliera prezenti dettalji dwar kif kien ser jigi implimentat il-progett u l-impatt li kien mistenni li jhalli fuq il-komunita'.

4.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara laqgha li l-Kunsill Lokali kellu ma' esperti fil-qasam, kienet giet mghoddija lill-Kunsill Lokali kopja tar-rapport finali bi prezentazzjoni dwar il-progett slow streets li l-Kunsill Lokali kien qieghed jimplimenta.

4.3.6 Is-Sindku ghaddiet lill-Kunsill Lokali informazzjoni li kellha b'konnessjoni mal-inizjativa *European Capital of Culture 2031*. Is-Sa. Zerafa Civelli infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif stabbilit, il-Kunsill Lokali ta' Bormla kien issottometta espressjoni ta' interess mar-Regjun Xlokk. Hija sahqet illi sussegwentement kienet giet infurmata illi kien hareg artiklu fuq l-istampa li permezz tieghu saret taf illi kienu gew ricevuti mill-*Valletta Cultural Agency* zewg applikazzjonijiet, b'dik ta' Bormla ma tkunx wahda minnhom. Is-Sindku temmet tghid illi kienet qieghda tinvestiga x'kien sehh u kienet ser tkun qieghda zzomm lill-Kunsill Lokali aggornat b'eventwali zviluppi.

## 4.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

4.4.1 Ma kienx hemm

## 4.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;

4.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru04/21) ghall-approvazzjoni.

4.5.2 Fuq proposta tas-Sur Marco Agius ssekondat mis-Sur Martin Vella, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

4.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Marzu 2021.

4.5.4 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sur Marco Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

## 4.6 Sejhiet ghall-offerti /kwotazzjonijiet

4.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif maqbul waqt seduti precedenti, l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet qieghda tahdem bil-ghan illi jigi abbozzat dokument ta' sejha ghall-offerti ghall-knis ta' toroq fil-lokalita'. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-imsemmi abbozz kellu jkun lest f'qasir zmien u kien ser ikun qieghed jigi ccirkolat lill-Kunsilliera bil-ghan illi l-istess document jigi approvat u diskuss fis-seduta segwenti.

## 4.7 Mozzjonijiet

4.7.1 *Mozzjoni numru 05/2021*

L ewwel mozzjoni - Qed nipproponi sabiex jibdew jigu nstallati cameras ta sorveljanza fl areas tal cat cafe's fejn bil fatti f idejna waqt li qed nibqghu hands on qed nibqghu nassisstu ghal evidenza flimkien mal feeders li qed ikollna abbuzz ripetut kontra l kuncett li qed nimxu bih f dan ir rigward u kontra r rispett li jixirqilhom l.istess feeders li kaqdu l iskop generuz taghhom f ambjent nadif u sikur fejn b mod immedjat kif ilni

nitlob bil miktub ghandu jigi deciz li nibdew bl ewwel camera ta sorveljanza area tal cat cafe stazzjonata propju fl area ta saint nicholas married quarters.

Proponent : James Cauchi
Sekondant : Marco Agius

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

4.7.2 *Mozzjoni numru 06/2021*
Din il-mozzjoni li hija wkoll konformi ma dak li qed jigi komunikat lilkom on going fit triq biswit l istess area tal cat cafe ta saint nicholas married quarters ghandu jigi deciz minnufih ukoll li, jehlu tabelli bis sinjal kif diga ppruvajtilkom li sar f lokalitajiet ohrajn qabilna li minn din l area jaqsmu l qtates ghal gnien gnien li jgawdi minn abittat natural cioe gnien bormla/kottoner.

Proponent : James Cauchi
Sekondant : Melanie Agius

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

4.7.3 *Mozzjoni numru 07/2021*
Ghandu jibda process mis-sindku taghna flimkien mal-amministrazzjoni sabiex propju gnien bormla/kottoner meta llum jinstab mitluq u baqa wkoll mhux devolut ghandna nibdew ezercizzju flimkien ukoll billi ninvolvu lis-Sindki pero l-aktar il-kunsilliera responsabli mill-harsien tal-annimali gewwa l-ibliet ta' madwar beltna, Bormla halli jigi kkunsidrat li f areas ta dan l-istess gnien jigi disenjat habb mill gvern tal gurnata li jaqdi l bzonn ta din il materja favur id drittijiet tal annimali li kuljum qed naraw kuxjenza li qed tikber sforz sagrificcji kbar mill istess feeders u dawk kollha li ghandhom amor propju u veru.

*Is-Sur James Cuachi ippropona emenda biex wara l-kliem "amor proprju u veru" jizdied il-kliem "Qieghed nipproponi illi dak kollu li semmejt jigi inkluz f'masterplan li l-perit tal-Kunsill Lokali qieghed jabbozza u jitressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali ghad-diskussjoni".*

Is-Sa. Melanie Agius issekjondat l-emenda tal-Kunsillier Cauchi, liema emenda giet approvata b'vot unanimu

Proponent : James Cauchi
Sekondant : Melanie Agius

Il-mozzjoni hekk kif emendat ghaddiet b'votazzjoni unanima.

4.7.4 *Mozzjoni numru 08/2021*

Wara diskussjonijiet li l-Kunsill Lokali kellu matul l-2020 u wara li nzammu dikussjonijiet mal-Agenzija LESA, nipproponi illi l-Kunsill Lokali jixtri u jinstalla CCTV cameras fis-segwenti postijiet :

- Wesgha tal-Knisja tan-Nattivita
- Triq Wigi Rosato
- Kwartieri San Nikola
- Triq Xandru/Pjazza Santa Margerita

Il-cameras ghandhom ikunu jissodisfaw specifikazzjonijiet li l-Kunsill Lokali gie pprovdut minn LESA bil-ghan illi l-istess agenzija tkun tista' tissorvelja u tharrek lil min jinqabad jabbuza.

Proponent : Alison Zerafa Civelli
Sekondant : James Cauchi

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**4.8 Rapporti**

4.8.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar – Marzu 2021 u stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispeja c-cifri li kien jinkludi l-istess rapport. Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega r-rapport u ta' rendikont tad-dhul u l-infiq matul il-perjodu koncernat, fuq proposta tas-Sindku ssekondat mis-Sur Martin Vella, il-Kunsill Lokali approva b'vot unanimu ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar – Marzu 2021 hekk kif imressaq.

4.8.2 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport amministrattiv ghas-sena 2020, liema rapport kien diga' gie pprezentat f'laqgha annwali li kienet inzammet matul April 2021. Is-Sa. Zerafa Civelli stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jaghti spjega tar-rapport imsemmi. Is-Segretarju Ezekuttiv qara u ghadda dettalji tal-kontenut tar-rapport li kellu jigi iccirkolat lill-Kunsilliera sabiex ikunu jistghu jaghmlu uzu minnu kif jidhrilhom xieraq.

4.8.3 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz tal-pjan ta' hidma ghall-perjodu 2020-2025 u stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jaghti dettalji tal-hidma li l-istess pjan kien qiegħed jipproponi. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill Lokali bil-kontenut tad-dokument u sahaq li dawk il-materji li kienu gew inkluzi fir-rapport kienu jirriflettu decizjonijiet li kien ha l-Kunsill Lokali. Dan filwaqt li l-istess rapport kien jigi aggornat fuq bazi annwali. Wara diskussjojni libera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondata mis-Sur Marco Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif imressaq.

4.8.4 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi ma kellha tinsab ebda oggezzjoni ghal talba ta’ sid ta’ stabbiliment kummercjali biex ipoggi magna tal-luminata quddiem l-istess stabbiliment li kien jinsab fi Triq il-Pellegrinagg.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellux jilqa’ proposta sabiex biswit kontenitur ghall-hwejjeg uzati jitpogga kontenitur li fih residenti jkunu jistghu ipoggu zjut uzati.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi servizz li l-Kunsill Lokali kien qieghed jaghti lir-residenti ghal tiswijiet ta’ kompjuters kien konformi mal-ligi u l-Kunsill Lokali ma kien qieghed iwettaq ebda ksur ta’ ligi meta ddecieda li jibda’ joffri s-servizz minghajr hlas.
- Kien hemm qbil bejn illi proposta li l-Kunsill Lokali kien ircieva sabiex issir un/loading bay fi Triq l-Iljun ma setghetx tigi implimentata perezz illi fiz-zona fejn giet proposta ma kienx hemm parking bays. L-individwu li kien ressaq il-proposta kellu jigi infurmat.

4.8.5 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali proposta li l-Kunsill Lokali kien ircieva b’konnessjoni ma’ sejha ghal espressjoni ta’ interess ghall-gbir ta’ skart riciklabbli fil-lokalita’. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-istess proposta kienet waslet wara li l-Kunsill Lokali kien stieden liz-zewg skemi licenzjati sabiex iressqu l-proposti taghhom lill-Kunsill Lokali. Hija temmet tghid illi sad-data tal-gheluq tas-sottomissjonijiet kienet waslet proposta wahda biss. Wara li giet diskussa l-proposta, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi l-Kunsill Lokali kellu jasal fi ftehim mal-kumpanija li kienet issottomettiet il-proposta taghha. Gie deciz ukoll illi kellu jigi varat progett pilota illi permezz tieghu, meta ssir il-gabra tal-hgieg, haddiema tal-Kunsill Lokali jigbru l-boroz u kartun li l-istess hgieg ikun gie mahrug fih.

**4.9 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

4.9.1 Is-seduta giet fi tmiemha fit-8:10 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-13 ta’ Mejju 2021 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum <u>27 ta’ Mejju 2021.</u>

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ________________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |